# IS-SALES

*Joyce Borg*

Matul is-sena ħafna ħwienet jagħmlu diversi *sales* speċjalment wara l-festi jew meta jkun ser jaqleb l-istaġun. Ikollna bosta telefonati mill-pubbliku in ġenerali fejn jistaqsu x'inhuma d-drittijiet tagħhom waqt dawn is-*Sales*. Ma rridux ninsew li kulħadd għandu drittijiet u dmirijiet, kemm il-konsumatur kif ukoll il-bejjiegħ. Għalhekk tajjeb li nitkellmu dwarhom.

Għaliex isir is-*Sale*? Dan normalment isir fl-aħħar ta' kull staġun fejn il-prezzijiet jiġu mraħħsa biex iħajru lill-konsumatur jixtri prodotti bi prezzijiet inqas milli kienu qabel. B'hekk jinbiegħ l-i*stock* eżistenti u n-neguzjant jagħmel għall-bejgħ l-i*stock* il-ġdid ta' l-istaġun li jkun dieħel. Jiġifieri l-affarijiet li jkunu għall-bejgħ waqt is-*Sale* ikunu ġodda u mingħajr difett daqs li kieku qed jinbiegħu mingħajr *sale*. Hija impressjoni falza li waqt is-*sale* jistgħu jinbiegħu oġġetti mhux ta' kwalità jew b'difett. Ma tkunx l-ewwel darba li meta nkellmu negozjant dwar oġġett li nxtara waqt *Sale* ikollna risposta bħal: ***X'tippretendu, dak inxtara waqt is-sale!***

> **L-affarijiet li jkunu għall-bejgħ waqt is-*Sale* ikunu ġodda u mingħajr difett daqs li kieku qed jinbiegħu mingħajr *sale***

Mela, meta negozjant ikollu xi affarijiet li jkun jaf li huma *seconds*, *damaged* jew diffettużi jrid jimmarkahom li huma hekk biex il-konsumatur ikun jaf. Imbagħad ġaladarba l-konsumatur ikun jaf, jiddependi minnu jekk jażgħilx li jixtri minnhom jew le. Għalhekk il-bejjiegħ għandu jagħmel rokna apposta għal dawn l-oġġetti fejn ikun hemm avviż dwar l-istat tagħhom jew b'xi mod jinforma lill-konsumatur dwar il-kundizzjoni tagħhom.

Oġġetti li jkunu mmarkati *seconds* għandhom ikunu tajbin wkoll għall-użu li jinxtraw għalih, kif ukoll għandhom iservu skond il-prezz li tħallas għalihom. Tabilħaqq, wieħed jistenna li jonqsu l-aspettattivi jekk jixtri affarijiet *seconds*, imma xorta waħda tistenna li tilbishom u tużahom. L-aspettattivi jonqsu u jiġu riflessi fil-prezz imraħħas. Id-dritt tiegħek għall-kumpens jiddependi skond iċ-ċirkostanzi tal-każ u wieħed għandu jaġixxi b'mod raġonevoli. Għandek dritt tkun taf x'qed tixtri, u għandu jkollok aspettattivi raġonevoli ta' l-affarijiet.

Il-konsumatur huwa fid-dmir li qabel jixtri jżur diversi ħwienet sabiex iqabbel il-prezzijiet u l-kwalit□. Minbarra l-prezzijiet iqabbel ukoll il-garanzija kummerċjali, għaliex din tista' tvarja għall-istess oġġetti. Inti wkoll tista' tbiddel xi kundizzjoni tal-garanzija bi qbil mal-bejjiegħ. Kull tibdil irid isir bil-miktub u ffirmat min-negozjant. Jekk l-oġġett ikun apparat elettriku tagħmel tajjeb li tippruvah fil-ħanut fejn hu possibbli. Kun żgur li l-oġġett ma jkunx fih xi difett. Jekk ikun fih difett li tista' tarah waqt li qed tixtri u bl-għaġġla jew bi traskuraġni ma tatgħix każ, ma jkollokx dritt li tibdel jew li tieħu l-flus lura.



photo: Ġorġ Mallia

Għalhekk, waqt *sale* id-drittijiet u d-dmirijiet tal-konsumatur jibqgħu l-istess bħal dawk tax-xiri li jsir matul s-sena kollha. Avviżi fi ħwienet bħal: "No money refunded", "Sale goods will not be exchanged" huma ħżiena u qarrieqa għaliex jagħtu l-impressjoni lill-konsumaturi li m'għandhomx id-drittijiet li fil-fatt għandhom.

B'mod ġenerali, id-drittijiet tiegħek għall-kumpens jonqsu jekk:

- Il-bejjiegħ jindikalek biċ-ċar li l-affarijiet b'xi mod huma difettużi
- Kellek iċ-ċans kollu li teżamina l-oġġetti u sibt id-difetti li setgħu jidhru
- Jekk sempliċement jerġa' jibdielek dwar l-oġġett li ma jkunx difettuż, u trid flusek lura m'għandek l-ebda bażi għal dan skond il-liġi

Qabel toħroġ flusek

- Ifli sewwa l-oġġetti li se tixtri
- Kun żgur li fhimt tajjeb il-garanzija kummerċjali li jagħtik il-bejjiegħ
- Itlob ir-riċevuta fiskali
- Jekk m'intix żgur minn dak li se tixtri, l-aħjar li ma tixtri xejn jew staqsi lill-bejjiegħ jekk tistax tibdel.

Tinsiex

- Jekk għandek dritt għal flusek lura, taċċettax il-*credit note*
- *Credit notes* mogħtija qabel is-*sale* ma jistgħux jissarfu waqt *sale*
- Ftakar li hemm garanzija oħra, dik li tagħtik il-liġi dwar id-difett moħbi



*JOYCE BORG DPA, MICA, Uffiċjal Prinċipali, Taqsima tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni*

Dan huwa messaġġ bi ħlas